MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 2126/1999/1

**A B**
**vs**
**C B, u stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz in forza ta digriet moghti fit-18 ta' Settembru 2001, f' isem il-prezunti eredi tieghu, uliedu, D, E, F, G, H, I, J, K, L u M, ahwa B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-konjugi A u C B izzewgu fis-16 ta' Awissu 1942;

Billi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabilment billi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' eccessi, mohqrija, servizji u ingurji u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-konjugi m' ghadhiex aktar possibli;

Billi d-digriet datat 2 ta' Awissu l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza;

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas lil-attrici dik is-somma li joghgobha tiffissa bhala manteniment ghall-attrici u skond il-modalitajiet li din l-istess Qorti joghgobha tiffissa;

3. Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti gia esistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-istess f' porzjonijiet skond il-ligi;

4. Tapplika kontra l-konvenut l-artikoli 48, 51 u 52 jew kull artikolu iehor applikabbli skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut C B li biha eccepixxa:

1. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi delinejata s-separazzjoni bejnu u bejn martu stante li z-zwieg tal-konjugi tfarrak irrimedjabilment.

2. Illi mhux minnu illi l-esponenti irrenda ruhu hati ta' eccessi, mohqrija, sevizzi u ingurji lejn martu, izda kienet martu stess li farrket il-hajja matrimonjali ta' bejniethom.

3. Illi l-esponenti jaqbel illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn l-attrici ghandha tigi xolta izda mhux li l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-Artikoli 48/51-52 jew kull Artikolu iehor kontra tieghu.

4. Illi l-esponenti jopponi illi huwa ghandu jigi kkundannat jhallas lill-attrici xi forma ta' manteniment ghar-ragunijiet li ser jingiebu waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavit prezentat;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju l-Arkitett Valerio Schembri minnu debitament mahlufa;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-18 ta’ Settembru 2001 li permezz tieghu, stante l-mewt tal-konvenut C B fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f’ isem uliedu fuq indikati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut C B in bazi ghall-artikolu 40 tal-Kap.16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali. Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, jsostni li ghal dan tahti biss l-attrici.

Illi, stante li l-parametri ta’ l-azzjoni huma tali li jistghu jipproducu l-effetti kontemplati fl-artikolu 48 b’ referenza ghall-artikoli 51 u 52 tal-Kap.16; il-proceduri odjerni ghandhom jitkomplew sal-konkluzjoni taghhom, fit-termini ta’ l-artikolu 43, nonostante il-mewt tal-konvenut fil-mori.

**Separazzjoni Personali**

Illi in propositu l-provi huma skarsi, partikolarment dawk tal-konvenut li miet fl-istadju bikri tal-proceduri minghajr ma prezenta l-affidavit tieghu, u ghalhekk l-Qorti ser ikollha tistrih fuq id-dikjarazzjoni guramentata xotta prezentata minnu man-nota ta’ l-eccezzjonijiet fejn jillimita ruhu billi jichad li jezistu fil-konfront tieghu l-fatturi kontemplati fl-artikolu 40, u fl-istess paragrafu jghid li

kienet l-istess martu li farrket il-hajja matrimonjali ta' bejniethom.

Illi minn naha taghha l-attrici, ghalkemm tat id-deposizzjoni taghha, u prezentat affidavit, hija skarsa ukoll fil-provi in propositu, u tillimita ruhha ghall-allegazzjoni li l-hajja konjugali tal-partijiet kienet infelici sa mill-bidu nett, izda peress li kienu zmienijet ohra kellha tibqa'tissaporti tghix mieghu. Hija tighid li l-konvenut kien infidil lejha u kien jerfa' idejh fuqha u jahqarha, izda ma gabitx provi ulterjuri in sostenn ta' dak minnha allegat.

Jidher li s-sitwazzjoni tal-koppja hadet zvolta decizva meta f' Mejju tas-sena 1998 beda t-tilwim ma' hamsa minn uliedhom li baqghu jghixu fid-dar matrimonjali u skond kif spjegat l-attrici l-konvenut beda jzomm mat-tfal, li wassal biex l-attrici kellha tohrog mid-dar konjugali u tmur tghix band' ohra, u dana meta l-koppja kienu f' eta' avvanzata hafna.

Illi l-konvenuti, ulied il-kontendenti, naqsu li jipprezentaw l-affidavits taghhom, u ghalhekk din il-Qorti, fid-dawl tal-provi migjuba, u anke tenut kont tal-fatt li l-konvenut C B lahaq miet qabel ma ta l-versjoni shiha tieghu, hija tal-fehma li f' dan il-kaz jrrizulta b' mod sodisfacenti fil-grad tal-prova rikjesta mid-dritt civili li ghal habta tas-sena 1999 il-partijiet wasslu f' sitwazzjoni fejn il-konvivenza matrimonjali kienet saret impossibbli u li z-zwieg kien tkisser irrimedjabbilment. Jigi rilevat biss li l-allegazzjoni attrici ta' infedelta' fil-konfront ta' zewgha minghajr sostenn tal-provi tikwalifika bhala ngurja gravi, filwaqt li l-iskjerament ta' zewgha ma' uliedha li wasslet f' sitwazzjoni li martu, allura mara ta' kwazi tmenin sena, kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali jikkostitwixxi mohqrija da parti tieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gusifikata limitatament ghat-talba tas-separazzjoni personli stante li z-zwieg taghhom, fi xjuhithom, tkisser irrimedjabbilment.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-konsistenza tal-assi tal-komunjoni hija elenkata fin-nota guramentata ta’ l-attrici prezentata fit-2 ta’ Gunju 2003 fil-paragrafu [1]u fid-dokument CV u li jinsabu a fols.45 u 47 tal-process b’ mod li dawna ghandhom jifformaw parti mill-gudizzju odjern bhala [Appendici A u Appendici B].

Illi l-assi jikkonsistu fi proprjeta’ immobiljarja, mobbli, krediti u depositi Bankarji u titoli; u jigi rilevat li, filwaqt li l-proprjeta’ immobiljarja giet valutata mill-perit gudizzjarju, fuq il-mobbli ma hemmx stima; u ghalhekk din il-Qorti f’ dan il-gudizzju qeda tinnomina lill-istimatur Peter Bonelli biex jistma l-oggetti ndikati fid-dokument CV partiti [1] sa [7] a fol.47, jekk il-partijiet kollha ma jaqblux fuq valur ta’ dawn l-assi, jew fuq pjan ta’ qasma taghhom. L-ispejjez ta’ dan l-espert ghandhom jigu sopportati miz-zewg nahat fi kwoti wgwali.

Illi, fic-cirkostanzi u biex issir gusitizzja ma’ l-attrici li ghexet u hadmet mal-konvenut zewgha ghal zmien twil, il-Qorti tikkunsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni, u ghalhekk tordna li l-assi jigu assenjati kif ser jinghad:

Illi s-segwenti fondi, dettaljatament <u>deskritti mill-perit arkitett fir-relazzjoni tieghu</u>, ghandhom jigu mibjugha fis-subbasta fi zmien sena millum, kemm il-darba l-partijiet ma jiftehemux mod iehor, u r-rikavat, wara li jigu dedotti minnu l-ispejjez, jigi maqsum f’ zewg porzjonijiet ugwali, u porzjon wiehed jigi assenjat lill-attrici filwaqt li l-porzjon l-iehor jigi assenat lill-konvenuti:

[1] il-fond “Saratoga” Triq Dom Mauro Inguanez, Birkirkara;
[2] nofs indiviz [1/2] tal-fond numru 6 [gia’51] St.Helen Square, Birkirkara;
[3] nofs indiviz [1/2] tal-fond 204 Victor Street, Senglea;
[4] Ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi kuntrada “Ta Xriha”;
[5] Ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi fil-kuntrata “Ta Manduca” “Ta Gesmond” u “Ta Wied Zikku” bi kmamar.

Illi l-effetti mobbli kontenuti fid-dar matrimonjali, deskritti fid-dokument CV fil-partiti [1] sa [7], flimkien maz-zewg

kuntri ndikati mill-attrici fin-nota taghha, ghandhom jinbighu bis-subbasta fi zmien sena, u r-rikavat jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali, sabiex porzjoni jigi assenjat lill-attrici u l-porzjoni l-iehor jigi assenjat lill-konvenuti; u dan sakemm il-partijiet kollha ma jifthemux mod iehor.

Illi rigward il-partita deskritta bhala "deheb", il-Qorti tosserva li ma ngabux provi f' dan ir-rigward. Illi fir-rigward tal-partita numru [8] fid-dokument CV, peress li jirrizulta nkontestat li l-effetti hemm indikati huma parafernali ta' l-attrici dawn ghandhom jigu konsenjati lilha mmedjatament.

Illi rigward id-depositi bankarji f' isem il-partijiet, anke separatament, kontenuti fil-Bank of Valletta, u mal-Globe Financial Management indikati fin-nota ta' l-attrici a fol.45 tal-process; dawn, in difett ta' prova kuntrarja, ghandhom jitqiesu bhala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u ghandhom jigi divizi f' zewg porzjonijiet ugwali, u porzjon jigi assenjat lill-attrici u l-porzjoni l-iehor jigi assenjat lill-konvenuti.

In propositu jigi osservat li fin-nota ta' l-osservazzjonijiet taghhom l-konvenuti ssollevaw li, minbarra d-depoziti ndikati mill-attrici fin-nota taghha, "hemm somma identika [Lm14,700] iddepositata mal-Globe Financial Management limitied <u>f' ismiha</u> [l-attrici] u dan minhabba li l-esponenti jafu illi hi u l-konvenut [C B] kienu fethu zewg kontijiet mal-Globe fl-istess zmien u bl-istess depozitu." [fol.177]. Il-Qorti pero' tosserva li l-konvenuti ma gabu ebda prova in propositu, la li jezisti dan id-depositu u lanqas li, jekk kien jezisti, ghadu jezisti. Ghalhekk din il-Qorti ser tiskarta din l-allegazzjoni bhala mhux sostnuta mill-provi maghmula fi stadju finali tal-kawza minn <u>uhud</u> mill-konvenut.

Illi rigward iz-zewg krediti ndikati fin-nota attrici, il-Qorti tosserva li dak fl-ammont ta' Lm3,000 jirrizulta mill-kuntratt pubblikat min-Nutar Dottor L Rosario Bonello fl-1 ta' Ottubru 1981 [fol.48 et seq], u dak fl-ammont ta' Lm13,500, inklusiv ta' l-imghax, jirrizulta mill-iskrittura privata datata 1 ta' Jannar 1982 [fol.51]. Il-Qorti tosserva

li in difett ta’ provi li juru l-kuntrarju hija ghandha taccetta bhala provata l-ezistenza ta’ dawn il-krediti guramentati mill-attrici u konfortati b’ dokumenti. Inoltre jigi osservat li l-konvenuti jsostnu li rigward it-tieni kreditu dan jifforma parti mill-meritu tal-kawza fl-ismijiet *A B vs Velga Bros Limited [1592/200JA]*

Ghaldaqstant in propositu ghal dawn iz-zewg krediti kontro l-kumpanija Velga Bros Ltd. il-Qorti tordna li nofs il-kreditu ta’ Lm3,000 jigi assenjat lill-attrici, filwaqt li n-nofs l-iehor jigi assenjat lill-konvenuti; filwaqt li rigwadanti l-kreditu l-iehor ta’ Lm13,500, flimkien ma’ l-imghax dovut, dan ghandu jinqasam, jekk ikun il-kaz, wara li tigi defenittiavemnt deciza l-kawza fuq citata

Illi rigward l-ismha fil-kumpanija Velga Bros Ltd. li jinsabu fuq isem l-attrici, il-Qorti tordna li dawn ghandhom jigu assenjati lilha, filwaqt li r-rimanenti ishma f’ isem il-mejjet C B ghandhom jigu assenjati lill-eredi tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecdi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b’ effett mit-2 ta’ Awissu 1999;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante l-mewt ta’ zewg l-attrici;

[3] tilqa’ it-tielet talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti u tordna li din tigi likwidata u assenjata kif fuq indikat u ordnat that l-intestatura “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;

[4] tichad ir-raba talba stante li, fic-cirkostanzi tal-kaz, ma hemmx lok ghall-applikazzjoni ta’ l-artikoli hemm indikati.

L-ispejjez, inkluzi dawk tal-perit gudizzjarju. ghandhom jinqassum wgwalment bejn iz-zewg nahat, u nofs jibqghu a kariku ta’ l-attrici filwaqt li n-nofs l-iehor ghandu jithallas mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------